MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 766/2009/1

**Appell numru: 766/2009**

**Atlas Insurance PCC Limited C5601 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Calibre Industries Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Calibre Industries Limited**

**Vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited C38888**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2013 moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn iddecieda:

*"It-Tribunal,*

*I* *<u>PRELIMINARI</u>*

*Ra li fl-AVVIZ insibu hekk:*

*Illi s-socjeta' attrici Calibre Industries Limited kienet assikurat mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, konsenja ta' hgieg li ngabet Malta fuq il-vapur MV Salerno Express, li dahal Malta fis-19 ta' Settembru 2008.*

*Illi meta l-vapur imsemmi dahal Malta w'inhatt, il-merkanzija illi kellu abbord giet fdata f'idejn is-socjeta' konvenuta.*

*Illi waqt illi l-merkanzija imsemmija kienet ghadha f'idejn u taht is-sorveljanza tas-socjeta' konvenuta din garrbet il-hsara.*
*Illi ghall-hsara sofferta mis-socjeta'attrici Calibre Industries Limited ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici l-ohra Atlas Insurance PCC Limited abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni ad eccezzjoni tal-excess ammontanti ghall- €220 w'ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' attrici Calibre Industries Limited fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi stante illi dawn gew kkagunati minhabba negligenza w traskuragni da parti taghha.*

*Illi b'kollox d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghas-somma ta' €2922.13 li minnhom €220 huma dovuti lis-socjeta' attrici Calibre Industries Limited bhala excess, filwaqt illi l-bilanc huwa dovut lis-socjeta' attrici l-ohra Atlas Insurance PCC Limited.*

*Bl-imghax u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.*

*Ra r-RISPOSTA hekk:*

*Preskrizzjoni skond Artiklu 65 (a) u (b) tal-Att Dwar Awtorita' Marittima u subordinament, id-danni allegatament imgarrba ma kienux rizultat ta' nuqqasijiet tas-Socjeta' Intimata li qdiet sew l-obligi taghha versu Calibre Industries Ltd.*

*II* *<u>PROVI</u>*

*1.* *<u>Emanuel Seguna</u>, Claims supervisor mas-Socjeta' Konvenuta qal li fl- 1 ta' Lulju 2006 il-Malta Maritime Authority tatha koncessjoni biex tihhandilja l-merkanzija fil-Port il-Kbir (ara Dok E51). Minghand l-importatur ma*

*waslitilhom ebda claim relatata mal-mertu tal-kawza prezenti. L-ewwel claim li kellhom kienet minghand l-Atlas Insurance (ara Dok E52) datata 5 ta' Gunju 2009. (It-TRIBUNAL jinnota li f'din l-ittra, miktuba fuq taghrif lill-Atlas mis-socjeta' attrici l-ohra) jissemma kif iggarbet hsara u il-valur relattiv.*

2. *B'nota prezentata fit-8 ta' Marzu 2010 (a fol 13) is-Socjeta' konvenuta qalet li wara emendi li dahlu fis-sehh recentament id-dispozizzjoni tal-Artiklu 65 tal-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta (Kap 352) illum huwa l-Artiklu 29 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti (Kap 352).*

3. *Brian Valenza, ghall-Atlas, ikkonferma li s-Socjeta' Attrici l-ohra kellha konsenja ta' hgieg assikurata maghhom. Meta tnizzel il-container fil-Valletta Gateway poggew container fuq iehor u nfaqa' l-hgieg. Is-Socjeta' konvenuta kienet baghtet lis-surveyor taghhom biex jara l-hsara. Din l-ispezzjoni saret is-Swatar fejn kien qed isir ix-xoghol tal-assikurat. Kien fis-Swatar li l-assikurat ra x'kien gara.*

4. *Ix-xhud, wara li mar is-Swatar, hejja rapport li esebixxa bhala Dok BV (a fol 26 et seq). Id-danni kienu ta' €2922.13, izda thallset excess ta' €220. Hemm survey fee ta' €300.*

5. *In kontro-ezami (a fol 94) qal li mal-Atlas hu sew surveyor kif ukoll direttur. Hu ra l-container meta ma kienx inhatt kollu, kif jidher mir-ritratti esebiti. Hgieg kbir u hgieg zghir. Li kien tqieghed container fuq iehor qalulu l-forman tal-Calibre. Hu ma nvestigax x'tip ta' container kienu ordnaw biex jitrasportaw il-hgieg. Ma rax il-containers stakkjati. Ma jafx Calibre kitbux lil Euro Freight.*

6. *Joseph Cortis chairman u CEO tal-Calibre qal li kienu ordnaw xoghol minn Caserta u uzaw il-Euro Freight. Huma jassikuraw mal-Atlas permezz tal-MIB Brokers. Bhala burdnar kellhom lil Manuel Vella li bhala burdnar jigbor ix-xoghol mill-vapur u huma ndunaw bil-hsara. Kien ra l-hsara Jason Vassallo tas-Socjeta' Konvenuta. Wara ghamlu claim mal-Atlas u din halsithom. Il-containers kienu open top. Ma kienux prezenti meta wasal ix-xoghol. Esebixxa bhala Dok JC 1-10 ritratti tal-merkanzija bil-hsara.*

7. *In kontro-ezami qal li kif jigi x-xoghol hallew mal-Euro Freight. Ma kienx jaf b'xi hgieg oltre x-xifer tal-container. Lill-Euro Freight baghtilha l-ittra Dok JC 11 (a fol 107). Din l-ittra tgharraf lil Euro Freight bil-hsara u zzommhom responsabbli ghaliha "in the region of €3054.94". Ma jafx li kien hemm xi risposta ghal din l-ittra. Huma kellmu lil MIB Brokers u ma kellhom ebda korrispondenza diretta mas-Socjeta' konvenuta. Ma jafx meta l-container wasal il-fabbrika kienx maghluq jew le.*

*8. Manwel Portelli Operations Manager ta' Sullivan Maritime Ltd esebixxa t-tally sheet Dok MP (a fol 54 et seq) li tkopri kemm it-taghbija kif ukoll il-hatt.*

*9. Alan James, sewwieq mal-burdnara Emanuel Vella and Sons, qal li xoghlu hu li jmur ix-xatt jigbor il-merkanzija u ma jkollux x'jaqsam mal-bastiment. Meta mar fejn il-container sabu open top, bi hgieg jisporgi xi 4 pulzieri oltre x-xifer u zewg containers ohra jistriehu fuqu. Biex jiehu dak li mar ghalih, riedu jitnehhew it-tnejn l-ohra u gharraf b'kollox lill-imghallem li, minn naha tieghu kellu jinforma lil Calibre. Gie rapprezentant tal-Calibre li ra kollox u kien hawn li hu ha l-container is-Swatar. Fir-rigward ikkonferma r-ritratti esebiti. Jaf li fuq il-post kien hemm certu Matthew li ha r-ritratti.*

*10. Joseph Debrincat, foreman mal-Calibre, inkarigat mill-hgieg u aluminium, gie msejjah jara x-xoghol fis-Swatar u sab container miftuh bil-luna fuqu u bi hgieg miksur. Meta fetah il-kaxxa sab hgieg miksur li ma setax jintuza. Mill-esperjenza tieghu sata jara li xihaga kienet tpoggiet fuqu u l-hgieg infaqa'. Kienu folji ta' hgieg ghall-faccati u kienu kbar sew. Calibre kellhom jordnaw hgieg gdid. Il-bicca l-kbira tal-hgieg jigi ezatt max-xifer.*
*11. Lenard Brincat, claims supervisor mas-socjeta' konvenuta qal li meta jigi hgieg out of gauge generalment jigi ndikat fil-manifest u min idahhal ix-xoghol jghidilhom sabiex jirregolaw ruhhom. Esebixxa l-manifest bhala Dok B1 (a fol 91) li jindika biss +20 li tfisser open top u twenty u dimensjoni tal-container. Esebixxa bhala Dok LB2 ittra tal-Euro Freight fejn intqal li kellu jintuza container ta' tip iehor.*

*12. Noel Chircop, direttur tal-Euro Freight qal li huma kienu tqabbdu mill-Calibre ghall-garr tal-merkanzija u l-Calibre jiehdu hsieb il-burdnar. Dan il-klijent ma tahomx il-qies tal-hgieg. Huma ma kienux jafu li kien hemm xi danni f'din il-konsenja.*

*13. Karen Calleja kienet "operations manager" meta gara l-incident imsemmi. Qalet hekk:*

*Ahna li gara f'dan il-kaz in partikolari hu li Calibre Industries kienu ikkuntatjawna b'email sabiex ahna nikkwotaw rata ta' container minn Caserta ghal Malta, ahna gibnielu din ir-rata u hu accetta. Jiena l-klijent ikun taghna specific dimensions u tip ta' container li jkollu bzonn u f'dan il-kaz kien talab ghal twenty foot open top u ahna kwotajnielu r-rata fuq dan it-tip ta' container. Ahna ordnajna dan il-container skond l-instructions li kellna bil-miktub tramite dik l-email li semmejt u eventwalment gie x-xoghol hawn Malta u rcievejna claim ghal damages da parti tal-klijent. Il-container dahal Malta 19/09/2008 u fl-1 ta' Ottubru 2008 ahna rcivejna ittra fejn ahna nzammejna responsabbli*

*ghad-danni. Jiena rrid nispecifika li meta wiehed se jkun ha jghabbi container oltre x-xifer ta' l-istess container meta jkun oltre open top u jrid ikun zgur li xejn ebda container iehor ma jitghabba fuq dak l-istess container wiehed irid jispecifika li l-container li qed jordna ikun out of gauge u cioe' jghid li specifikament f'din l-ordni li xxeqleb dan il-container iehor ried jitqieghed direttament fuqu. Hu importanti hafna li f'kwalsiasi tip ta' open top container jigi specifikat meta se jkun out of gauge or in gauge minhabba r-raguni li diga' specifikajt. Jiena fl-ebda moment ma gejt infurmata da part ital-kumpanija li nahdem ghaliha li dan it-twenty foot open top kellu jkun out of gauge anzi kull ma kelli miktub li twenty foot open top. Qed nesebixxi Dok AC1 sa 5 li hi l-korrispondenza li semmejt.*

*III* *<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>*

*1. Il-fatt li l-merkanzija konsistwnti fi hgieg waslet bil-hsara hu inkontestat. Anqas hu kontestat il-quantum ta' danni li qed jintalab mill-atturi. Il-kwistjoni kollha hi min hu responsabbli ghad-danni u jekk hiex l-istess socjeta' Calibre li kienet responsabbli skond ma wiehed jiddeduci mix-xhieda ta' Karen Calleja tal-Euro Freight.*

*2. Hawn irridu nfittxu ghall-prova sodisfacenti in civilibus. L-atturi qed jippuntaw sabajhom lejn is-socjeta konvenuta li tilqa' l-merkanzija x-xatt u mhux fuq il vapur. Issa hu pruvat, a sodisfazzjon tat-TRIBUNAL li l-hsara grat ghax il-container tal-Calibre (li kellu hgieg jisporgi 'l fuq mix-xifer) kellu stakkjati fuqu zewg containers ohra. Dan rah (u ma ntmera minn hadd) Alan James li sejjah minnufih lil rapprezentant tal-Calibre. Kien meta mbaghad il-container ittiehed is-Swatar u nfetah li giet konstatata l-hsara;*

*3. Hawn wiehed irid iqis il-<u>kawza prossima</u> tal-hsara. Kien hazin li, kif xehdet Karen Calleja, il-Calibre ma tawx dettalji dwar il-qisien tal-hgieg u dana biex jinstab container addattat jew wiehed joqghod attent ghal hgieg oghla mix-xifer. B'danakollu abbord ma jirrizultax li saret hsara – il-hsara saret fl-art bi stivar hazin fic-car meta l-container kien taht il-harsien tas-socjeta' konvenuta. Din kienet il-<u>kawza prossima</u> msemmija, u hu ghalhekk li s-socjeta' konvenuta ghandha twiegeb ghall-hsara.*

*4. Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni, l-Art.29 tal-Kap 352 indikat jinghad li dan l-artiklu jsemmi "any loss or damage caused to any person, vessel, goods, vehicles or other things whatsoever on board a ship" – li mhux il-pretensjoni odjerna. Minn naha l-ohra mhux kompitu tat-TRIBUNAL li jfittex hu xi artiklu iehor tal-ligi dwar il-preskrizzjoni. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari taqa.*

*IV* *DECIZJONI*

*Meqjus dak kollu migjub hawn fuq, it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni, (2) jilqa' t-talba attrici, (3) jichad l-eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta dwar il-mertu (4) jikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas, in linea ta' danni mitejn u ghoxrin Ewron (€220.00) lil Calibre Industries Ltd u elfejn, seba' mija u tnejn Ewro u tlettax-il centezmi €2,702.13c) lil Atlas insurance PLC Ltd u dana bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (5) fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti."*

Illi minn din id-decizjoni intavolat dan l-appell is-socjeta Valletta Gateway Terminals Limited li ressaq s-segwenti lanjanzi fil-konfront tas-sentenza appellata:

1. Illi t-Tribunal erronjament cahad l-ececzzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta appellanti u dana a tenur tal-artikolu 29 gja 65 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta sahaq illi l-event dannuz ma kienx sehh abbord il-bastiment u ghalhekk ma applikax dina id-disposizzjoni tal-ligi billi qies illi ma kenitx taqa' fil-parametri tal-pretensjoni attrici. Kwindi t-Tribunal kellu jasal ghal konkluzjoni illi l-azzjoni attrici kienet perenta bid-dekors tas-sitt xhur indikat fis-sub-inciz (a) ta''l-imsemmi artikolu tal-ligi billi l-appellati naqqsu li jibaghtu l-avviz taghhom bil-miktub fiz-zmien statutorju.
2. Illi fil-mertu it-talba attrici ukoll kellha tigi michuda billi l-appellati naqqsu milli jippruvaw illi l-allegata hsara fil-merkanzija sehhet f'Malta u ma ressqux provi konvincenti illi jindikaw illi meta il-merkanzija tnizzlet minn fuq ir-rampa tal-vapur hija kienet ghadha f'kundizzjoni perfetta u minghajr hsara. Illi lanqas ma giet ippruvata xi negligenza jew traskuragini da parti tas-socjeta appellanti fl-istivar tal-*containers*, jew li d-dannu kien ta'l-inqas prevedibbli. Dan ghaliex hija ma kenitx giet

avzata illi l-merkanzija kienet qed tisporgi mill-wicc tal-*container* li kien tat-tip "*open top*".

Illi s-socjeta intimata appellanti ghandha koncessjoni moghtija mill-Awtorita Marittima ta' Malta sabiex topera t-terminal tal-Port il-Kbir bhala '*cargo handler*'[1] u ghalhekk tiehu hsieb il-merkanzija li tasal fl-istess Port abbord ta' bastimenti. Dan mill-mument tal-wasla ta'l-istess tul il-process ta'l-izbark sa meta l-istess tasal fuq l-art. Ghalhekk hija taqa' taht id-definizzjoni ta' 'kuntrattur' fit-termini ta'l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-merkanzija konsistenti fi hgieg trasportata f'hekk imsejjah "*open top container*" impurtata mis-socjeta Calibre Industries u assigurata mal-assikurazzjoni tal-Atlas twasslet minn Caserta ghal Malta abbord tal-bastiment MV Salerno Express fid-19 ta' Settembru 2008. Illi s-socjeta appellata Atlas Insurance baghtet avviz lis-socjeta appellanti in konnessjoni mal-hsara rizultanti fil-merkanzija importata fil-5 ta' Gunju 2009 u cioe' kwazi disgha xhur wara u dana fuq il-premessa illi meta il-*container* gie zbarkat minn fuq il-bastiment, tiqeghdu *containers* fuqu, ghalkemm dan kien *open top* u cioe' kellu bhala is-saqaf tieghu biss incirata, biex b'hekk il-hgieg li kien stivat fuq in-naha ta' fuq tkisser minhabba il-pressjoni li saret fuqu. Illi t-trasportatur inkarigat mis-socjeta Calibre Industries kienet is-socjeta Euro Freight Services Limited li minn naha taghha tishaq illi hija ghabbiet il-merkanzija skont l-istruzzjonijiet moghtija mill-klijent taghha. Billi allura s-socjeta appellata kienet tallbet "*twenty foot open top container*" u waqqfet hemm minghajr ma gie specifikat illi l-merkanzija kienet ser titghabba oltre ix-xifer tieghu u cioe "*out of guage*", it-trasportatur sahaq illi ma kellux jinzamm responsabbli ghad-danni konsegwenzjali illi sehhet. Illi s-socjeta appellanti tishaq ukoll illi gjaldarba ma giex indikat lilha fuq il-manifest illi il-merkanzija kienet *out of guage*, kwindi

[1] Ara Dok.ES1 a fol.10

hija ma kellhiex tinzamm responsabbli lanqas ghal hsara ikkagjonata meta tghabbew *containers* ohra fuq il-*container* tas-socjeta appellata.

Illi fl-ewwel gravam minnha imressaq is-socjeta appellanti tinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni sollevata minnha u skartata mit-Tribunal fid-decizjoni impunjata. Dan meta tishaq illi t-Tribunal malament skarta l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29, gja 65 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta bhala inapplikabbli ghal fattispecje ta' dana il-kaz billi qies illi l-allegat event dannuz ma sehhx abbord il-bastiment, izda meta il-merkanzija giet zbarkata.

Illi l-imsemmi artikolu 29 jiddisponi testwalment:

***"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –***
***(a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;***
***(b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data"***

Illi diga gie stabbilit illi s-socjeta appellanti taqa' fid-definizzjoni ta' kuntrattur imsemmi f'dan l-artikolu tal-ligi. Illi il-perm tal-kwistjoni izda iddur madwar l-interpretazzjoni guridika li ghandha tinghata lill-parametri tar-responsabbilta tal-Awtorita jew il-kuntrattur in konnessjoni mal-persuni jew oggetti li ikunu "abbord bastiment" u cioe' jekk din ghandhiex tinghata interpretazzjoni restrittiva kif ghamel it-Tribunal, jew inkella ghandhiex tinghata tifsira iktar

wiesgha tenut kont tal-fatt illi l-mansjonijiet riposti f'idejn il-kuntrattur jiskattaw mal-mument tal-wasla tal-bastiment gewwa il-Port, tant illi anke fil-koncessjoni moghtija mill-Awtorita lis-socjeta appellanti hemm miftiehem illi:
"***…. the Authority hereby grants a concession for the provision of Cargo Handling Services to the Operator (referenza ghas-socjeta appellanti) which accepts, undertakes and binds itself, under the terms and conditions defined in this Agreement, to provide <u>in the Concession Area</u> the Cargo Handling Services and to carry out the operations contemplated in this Agreement.***"

Dan necessarjament ifisser allura, illi l-artikolu 29, gja 65 hawn fuq iccitat fejn issir referenza specifika ghal-limitazzjoni ta'l-azzjoni kontra il-"kuntrattur", ma tistax tkun cirksokritta ghal hsara jew telf li issehh fuq il-vapur jew bastiment fis-sens letterali u komuni taghha ghaliex altrimenti din id-disposizzjoni tal-ligi ma tista' qatt issib applikazzjoni kontra l-kuntrattur jew operatur tal-Port. Dan il-hsieb huwa rifless fil-fatt fid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (liema decizjoni hija iccitata mis-socjeta appellanti fir-rikors ta'l-appell taghhom) fil-kawza S Mifsud and Sons Limited vs The Cargo Handling Co Limited meta inghad:
"***Din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mis-socjeta` appellanti. Infatti r-responsabbilta` ghall-merkanzija u dak li jirrizulta minnha meta l-merkanzija tkun ghadha abbord bastiment hija f' idejn l-armaturi tal-bastiment u b' ebda mod ma tista' tkun lAwtorita` Marittima jew il-kuntrattur u ghalhekk l-interpretazzjoni restrittiva moghtija mis-socjeta` appellanti bil-fors li ma tistax tigi accettata. Abbord il-bastiment l-Awtorita` Marittima u l-kuntrattur anqas biss access ghall-merkanzija u ghalhekk interpretazzjoni kif tixtieq is-socjeta` appellanti mhix possibbli. It-trasferiment tar-responsabbilta` ghall-merkanzija minghand il-bastiment jew l-agenti tieghu ghal ghand l-***

***Awtorita` Marittima jew il-kuntrattur huwa fir-rampa tal-istess bastiment u mhux abbord*[2]."**

Maghdud dan irid jigi premess ukoll illi l-artikolu 29, gja 65, hawn fuq iccitat tistabilixxi l-limitazzjoni ta'l-azzjoni mhux biss in konnessjoni ma' telf u hsara, izda ukoll ghal kull nuqqas tal-Awtorita u il-kuntrattur in konnessjoni mar-responsabbiltajiet taghhom li jaqghu taht l-Att Dwar Portijiet u Bastimenti u ghalhekk inkluz il-masjoni tas-socjeta appellanti fil-"cargo handling".

Premess dan u stabbilit kwindi illi l-artikolu li strahet fuqu s-socjeta appellanti fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata huwa applikabbli ghal kaz in dizamina, din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tara jekk it-terminu statutorju ta' sitt xhur stabbilit fis-sub-inciz (a) **jew** dak tas-sena stabbilit fis-sub-inciz (b), kienx iddekorra meta s-socjeta appellanti giet intimata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni konnessi ma'l-event dannuz mertu tal-kaz.

Illi mill-atti probatorji johrog illi l-merkanzija wasslet Malta abbord il-bastiment MV Salerno fid-19 ta' Settembru 2008. Illi l-ewwel intimazzjoni intbaghtet mis-socjeta assikuratrici lill-appellanti fil-05 ta' Gunju 2009[3]. Dan ifisser illi it-terminu ta' sitt xhur preskritt fl-artikolu 29(a) kien lahaq iddekorra.

Illi l-istess, madanakollu, ma jistax jinghad fir-rigward tat-terminu stabbilit fis-sub-inciz(b) ta'l-imsemmi dispost tal-ligi billi t-talba gudizzjarji inbdiet fis-17 ta' Settembru 2009, meta allura il-perijodu ta' sena kien ghadu ma iddekorriex. Kwindi b'applikazzjoni tal-artikolu 29(b) tal-Att l-ewwel aggravvju sollevat

---

[2] App.Inf 08/05/2002

[3] Dokument BV a fol.26 u Dok ES2 a fol.11

mis-socjeta appellanti qed jigi respint anke jekk ghal motivazzjonijiet differenti minn dawk milhuqa mit-Tribunal.

Sorvolata dina l-impunjattiva u stabbilit ghalhekk illi l-azzjoni attrici ma hijiex estinta, jifdal biex jigi ezaminat il-gravam fuq il-mertu u cioe' l-lanjanza marbuta mas-sejbien ta' responsabbilita' tas-socjeta appellanti. Illi s-socjeta appellanti tipprova tixhet ir-responsabbilta ghall-event dannuz fuq terzi meta issostni fl-ewwel lok illi ma giex ippruvat illi l-hsara fil-merkanzija sehhet meta il-*container* gie zbarkat u fit-tieni lok billi l-manifest ma kienx jindika, kif kellu isir, illi l-merkanzija fil-*container* mertu tal-kaz kienet "*out of guage*" u cioe' kienet qed tisporgi 'il barra mill-wicc tieghu, allura hija ma setatx titqies responsabbli ghal dan in-nuqqas. Isostnu illi kieku dan kien gie indikat lilhom, huma ma kenux ipoggu *containers* ohra fuqu.

***"F'kawzi dwar danni f'merkanzija importata, ir-ricerka tar-responsabbilta' hija dejjem riducibbli ghall-ezami taz-zewg mumenti fokali tal-kwistjoni - (i) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment, ghal dik li hija r-responsabbilta' ta' l-armatur u (ii) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana, ghal dik li hija r-responsabbilta' ta' The Cargo Handling Company Limited. Ghat-tieni parti tar-responsabbilta' - dik ta' The Cargo Handling company Limited - hemm eccezzjoni jew addizzjoni f'dawk il-kazijiet fejn jista', f'cirkostanzi kongruwi, ikun responsabbli jew ko-responsabbli l-Kontrollur tad-Dwana. Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha juris tantum tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord - it-tally sheet; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi l-Gate Pass Out. Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu***

***bhal decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita', f'waqtha, a tempo vergine li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni juris tantum li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici, dokumenti li gew kkompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni[4].”***

Illi dawn iz-zewg dokumenti gew esebieti in atti minn fejn jirrizulta illi t-*tally sheet* hija nieqsa minn kummenti dwar hsara fil-merkanzija, filwaqt illi imbaghad il-*gate pass out* jindika tali hsara. Dana necessarjament huwa prova tal-fatt illi l-hsara lill-merkanzija sehhet wara li dina inhattet minn fuq il-vapur u mhux fit-tragit lejn Malta. Kwindi s-socjeta appellanti ma ghandhiex ragun meta issostni illi ma hemmx provi in atti li jindikaw illi l-hsara giet ikkagjonata wara l-izbark ghaliex id-dokumenti esebieti jindikaw mod iehor.

Stabbilit allura illi l-hsara sehhet mill-mument illi l-merkanzjia ghaddiet fir-responsabbilta tal-operatur u cioe’ tas-socjeta appellanti jifdal biex jigi stabbilit jekk dina ghandhiex titqies responsabbli ghall-event dannuz meta ittiehdet id-decizjoni illi jitghabbew zewg *containers* fuq dan l-*open top container* u ghalhekk jekk hemmx ness bejn dan il-fatt u l-hsara rizultanti. Jirrizulta mill-atti probatorji illi kienet is-socjeta appellata u cioe’ l-importatur li indika lit-trasportatur, u cioe’ lis-socjeta Euro Freight Services Limited, x’tip ta’ *container* kien mehtieg sabiex isir it-trasport ta’ dan il-hgieg. Gie specifikat illi il-*container* kellu ikun tat-tip “*twenty foot open top*”. Dan ifisser illi l-wicc tieghu kellu ikun tal-incirata. Ma giex lilhom specifikat illi din il-merkanzija kienet ser tkun “*out of guage*”. Irrizulta izda li l-fornitur tal-merkanzija ghabba l-istess fil-*container* “*out of guage*” minghajr l-istess ma gie indikat fil-manifest. Fil-fatt anke il-burdnar Alan James impjegat ma’ Emanuel Vella and

[4] Michael Gatt noe vs l-Avukat Philip Sciberras noe et App.Kumm 20/04/1995

Sons ikkonferma illi meta wasal fuq il-post huwa ra l-hgieg jesporgi oltre ix-xifer tal-*container*, li kien *open top*, u li kien hemm zewg *containers* ohra jistriehu fuqu.

Illi r-regolament 83(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.01 jistipula illi:
***" L-Awtorità jew il-kuntrattur, skond il-kaz, ma jkunx responsabbli ghal xi hsara, telf, dewmien, jew nuqqas ta' konsenja ta' oggetti li jigru minhabba markar insufficjenti jew zbaljat."***

Illi s-socjeta appellanti, kwindi, ghandha ragun meta tishaq illi gjaldarba ma kienx hemm lilha indikat illi l-merkanzija stivata fil-*container* kienet *out of guage*, kwindi hija ma kellha l-ebda obbligu li tiehu xi prekawzjonijiet zejda fil-process tal-izbark minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll. Dan in-nuqqas ghandha twiegeb ghalih unikament is-socjeta appellata Calibre Industries u l-fornitur taghha li naqqsu milli jindikaw b'mod dettaljat fuq il-manifest illi l-merkanzija kienet qed tisporgi oltre ix-xifer tal-*container* u di piu illi din il-merkanzija kienet wahda fragli li setghet tinkiser. Ghal dan in-nuqqas certament ma ghandhiex tahti is-socjeta appellanti u dana b'applikazzjoni tar-regolament hawn fuq iccitat. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravvju jisthoqq akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti, tilqa' t-tieni aggravvju u kwindi tghaddi biex tichad t-talba attrici.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tal-appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------